**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 6 ta` Diċembru, 2017.**

**Talba Nru: 60/2017PA**

**Miller Distributors Limited**

**vs**

**Alessandro Farrugia u b'digriet tat-Tribunal datat nhar l-Erbgħa 12 ta` Lulju 2017 ġiet imsejha fil-kawża l-kumpanija kummerċjali 2A Co. Ltd (bħala kjamata fil-kawża)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fis-27 ta` Jannar 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasħa s-somma ta` tlett elef, erba' mija, sitta u sittin Ewro, wieħed u disgħin ċenteżmu (€3,466.91ċ) rappreżentanti prezz għal bejgħ ta` merkanzija ikkonsenjata lill-istess, liema merkanzija ġiet ikkonsenjata lill-konvenut fuq inkariġu tiegħu stess, kif indikat fil-fattura li għandha tiġi ppreżentata fil-kors tas-smigħ tal-provi, bl-imgħaxijiet mid-data tal-fattura sad-data tal-ħlas, u bl-ispejjeż.

Ra r-Risposta tal-konvenut Alessandro Farrugia li permezz tagħha eċċepixxa li t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra s-soċejta` attriċi, u li huwa mhux il-leġittimu kuntradittur u għandu jiġi liberat mill-

osservanża tal-ġudizzju stante li r-relazzjoni ġuridika u dik kummerċjali hija bejn is-soċjeta` attriċi u s-soċjeta` 2A Co. Ltd.

Ra li fl-udjenza tat-12 ta` Lulju 2017, dan it-Tribunal ordna s-sejħa f'din il-kawża tal-kumpanija 2A Co. Ltd, li tinsab fi proċess ta` stralċ, u hija rappreżentata mir-Riċevitur Uffiċjali Dr. Kevan Azzopardi.

Ra n-Nota ppreżentata mir-Riċevitur Uffiċjali fil-31 ta` Ottubru 2017 li permezz tagħha għamel riferenza għall-**art. 224(2)** tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386), li jipprovdi li ma tista` tiġi intavolata, jew segwita, ebda kawża kontra kumpanija li tkun fi proċess ta` stralċ, jew kontra l-proprjeta` tagħha, ħlief bil-permess tal-Qorti kompetenti, u soggett għall-kundizzjonijiet minnha stipulati, u nnota li mill-atti ma jirriżultax li s-soċjeta` attriċi ottjeniet dan il-permess.

Ra r-Risposta ppreżentata fl-interess tas-soċjeta` kummerċjali 2A Co. Ltd, li fiha jingħad li din il-kumpanija ġiet xjolta permezz ta` sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta` Mrażu 2017, u li r-Riċevitur Uffiċjali inħatar bħala l-istralċjarju tagħha, u li billi ma jirriżulta ebda permess tat-Qorti kompetenti, fit-termini tal-**art. 224(2)** tal-Kap. 386, biex din il-kawża tkompli wkoll kontra din il-kumpanija, allura in kwantu diretta kontra tagħha, l-azzjoni ma tistax tirnexxi.

Ra d-dokumenti eżibiti mis-soċjeta` attriċi bi spjegazzjoni tal-ħlasijiet mitluba (fol. 22 sa 26).

Sema' x-xiehda ta` Alan Sċhembri[1], prodott mis-soċjeta` atriċi, li qal li jaħdem bħala *ċasħ offiċe coordinator* magħha, u li jsegwi l-ħlasijiet li jkun fadlilha tigbor l-istess kumpanija. Qal li l-konvenuti kienu klijenti tagħhom, u s-soċjeta` attriċi kienet tforniehom bil-gazzetti, batteriji u prodotti li tbiegħ fi tlett ħwienet li kellhom. Huwa kkonferma li s-soċjeta` attriċi fadlilha tieħu mingħand il-konvenuti s-somma mtluba f'din it-talba.

[1] Ara xiehda, 8.11.2017, fol. 43 sa 44

Dwar ir-relazzjoni ġuridika mas-soċjeta` attriċi, u jekk din kinetx mal-konvenut Alessandro Farrugia personalment, jew mal-kumpanija 2A Co. Ltd, ix-xhud ippreżenta kopja tal-formoli[2] li ottjeniet is-soċjeta` attriċi dwar min kien il-klijent tagħha, għal kull wieħed mill-ħwienet li kienet tissuplixxi b'konnessjoni mal-konvenuti. In kontro-eżami, ix-xhud iddikjara li f'dawn id-dokumenti, il-konvenut Alessandro Farrugia ffirma għan-nom tal-kumpannija 2A Co. Ltd.

Sema' x-xiehda tal-konvenut Alessandro Farrugia[3] li qal li kien azzjonist u direttur tal-kumpanija 2A Co. Ltd., li kellha ħames convenience *shops*. Qal li għalkemm huwa u l-mara kienu azzjonisti u diretturi, mill-2010 'l quddiem ma kellhom ebda involviment fit-tħaddim tagħha għaliex kienu ngaġġaw lil ċertu John Mercieca biex jagħmel dan, u għalhekk kien ukoll drettur tagħha. Qal li mal-fornituri tal-kumpanija, qatt ma kellu kuntatt, għalkemm kien jaf li s-soċjeta` attriċi kienet wieħed minn dawn il-fornituri.

Ikkunsidra li:

Din hija kawża li s-soċjeta` attriċi qed tagħmel kontra l-konvenut Alessandro Farrugia personalment, u kontra kumpanija li kien involut fiha bl-isem 2A Company Limited, għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz ta` fornituri mibjugħa u konsenjati minnħa. M'hemmx kwistjoni dwar il-bejgħ u l-konsenja tal-fornituri, u lanqas dwar l-ammont pretiż mis-soċjeta` attriċi. Il-kontestazzjonijiet ewlenin huma li (i) il-konvenut Alessandro Farrugia personalment mhux leġittimu kuntradittur; u (ii) l-azzjoni ma setgħetx tiġi esperita wkoll kontra l-kumpanija 2A Company Limited, mingħajr il-permess tal-Qorti, billi din tinsab għaddejja minn proċess ta` stralċ.

Wara li ra l-atti kollha proċesswali, qies ix-xiehda li nstemgħet quddiemu, u ra wkoll l-**art. 224(2)** tal-Kap. 386, it-Tribunal huwa tal-feħma li dawn iż-żewġ kontestazzjonjiet għandhom kemm fattwalment u anke legalment mis-sewwa, u għalhekk

[2] Fol. 45 sa 50
[3] Ara xiehda, 22.11.2017, fol. 54 sa 55

huma ta` xkiel għat-talba attriċi. Irriżulta ċar li l-konvenut Alessandro Farrugia ma kkuntrattax personalment mas-soċjeta` attriċi, imma għan-nom tas-soċjeta` konvenuta, u dan jirriżulta ċar kemm mix-xiehda tar-rappreżentant tagħha stess, u anke mid-dokumenti eżibiti minnu. Pero` l-azzjoni ma tistax tirnexxi kontra din il-kumpanija billi ma ġietx segwita l-liġi dwar il-preżentata tagħha.

Għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, dan it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Alessandro Farrugia, u wkoll l-eċċezzjoni tar-Riċevitur Uffiċjali fl-interess tal-kumpanija 2A Company Limited, u jiċħad it-talba attriċi.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjeta` attriċi.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Ġudikatur**